# Ġublew tad-Deheb tat-tqegħid tal-Ewwel Ġebla

## 60 sena mit-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-bini tal-knisja Rotunda tax-Xewkija

Dr. Aaron Attard-Hili

Ir-raħal tax-Xewkija, jinsab sewwa sew bejn żewġ lokalitajiet li minnhom infushom joħolqu attivita' sfiqa fil-gżira t'Għawdex – Il-port ta' l-Imġarr u l-belt Victoria. Ix-Xewkija, hija l-ewwel parroċċa f'Għawdex, li nqatgħet mill-matrici tal-Katidral.

Ix-Xewkija ilha magħrufa sa minn żminijiet preistoriċi. Minn sejbiet arkeoloġii, wieħed jista' faċilment jgħid li r-raħal tax-Xewkija kien iċ-ċentru bikri fejn il-bniedem għex sa minn żmien in-neolitiku.

It-tradizzjoni tgħid li meta San Pawl kien Malta, instema` jippriedka minn M[arr Ix-Xini, qrib ix-Xewkija. Irħama kommemorattiva, li tqiegħdet fuq il-bieb tas-sagristija tal-knisja l-qadima kienet tinqara: Qui D. Paulum Apostolum Melitam Appulsum Christi legem concionantem Heic Audierubt Creduderunt Custodierunt.

Ix-Xewkija saret parroċċa nhar is-27 ta' Novembru tas-sena l678. Il-poplu tax-Xewkija kien diġa' qed jagħmel użu minn knisja żgħira mibnija fl-1668 iddedikata lil San Ġwann l-Għammiedi. Sa dak iż-żmien ix-Xewkija u l-inħawi ta' madwar kienu jagħmlu parti mill-matrici ta' Għawdex.

Ix-Xewkin ta' dawk iż-żminijiet kienu qegħdin isibuha diffiċli sabiex ta' kuljum imorru l-Belt, u jattendu regolarment għas-servizzi tal-knisja. Għalhekk talbu lill-Isqof Michele Gerolomo Molina (1678-1684) sabiex ir-raħal tax-Xewkija, jitwaqqaf bħala parroċċa separata u maqtugħa mill-matriċi. Għal din ir-raġuni il-knisja eżistenti kellha tiġi mkabbra.

Il-knisja ġdida u mkabbra, kienet iddisinjata u mibnija fuq stil tradizzjonli ta' salib Latin. Il-knisja ġdida parrokkjali damet għal żewġ sekli u nofs, taqdi il-bżonnijiet reliġjużi tal-parruċċani. Madakollu, mal-medda tas-snin, il-knisja saret żgħira għall- populazzjoni li kienet kontinwament tikber. Fl 1936, il-kappillan Dun Anton Grima, (1920-1947) applika sabiex jinbnew in-navi ta' din il-knisja.



Kien fl-1938, li l-knisja ġiet mkabbra bil-bini tan-navi fuq iż-żewġ naħat tal-knisja li kienet imżejna b'għadd ta' teżori tal-arti, li wħud minnhom fortunatament, għadhom jistgħu jitgawdew sal-ġurnata tal-lum meta wieħed iżur il-Mużew ta' l-Iskultura li nbena sewwa sew maġenb il-knisja Rotunda.



## Knisja ġdida: Ir-Rotunda

Ftit tas-snin wara li spiċċa l-bini tan-navi tal-knisja, ġie deċiż li għandha tinbena knisja oħra aktar kbira. Madakollu, deċiżjoni bħal din ittieħdet fil-kuntest ta' oġġezzjonijiet min-naħa ta' l-awtoritajiet ekleżjatiċi.



Ir-raġunijiet ewlenin għal dawn l-oġġezzjonijiet, kienu il-konservazzjoni tal-iskultura unika fil-ġebel, li tant kienu jżejnu l-knisja minn ġewwa.

Mill-banda l-oħra , knisja ġdida u akbar, kienet meħtieġa, għaliex il-knisja eżistenti, ma kenitx kbira biżżejjed għall-popolazzjoni tar-raħal li kienet qegħa dejjem tikber.

Ghalhekk, il-Kapplilllan Dun Ġużepp Grech (1946-1971) flimkien ma' membri oħra tal-kleru u rappreżentanti tal-poplu tax-Xewkija, ingħaqdu flimkien għal dan il-għan. Dawn kellhom diversi laqgħat mal-isqof t'Għawdex, Mons Ġużeppi Pace, fejn fihom taw spegazzjoni tal-ħsibijiet u l-pjanijiet tagħhom.

Id-diskussjonijiet ħadu żmien twil. Fl-aħħar l-isqof ta l-permess għall-bidu ta' dan il-proġett tant ambizzjuż. Il-kondizzjonijiet għal għoti ta' dan permess kienu tnejn; l-ewwel li l-iskultura fil-ġebel ta' ġewwa tiġi ippreservata f'mużew li kellu jinbena għal dan il-għan u t-tieni li s-servizzi reliġjużi jibqgħu jsiru fil-knisja sakemm jispiċċa l-bini tal-knisja il-ġdida.

Bħala perit, intgħażel Ġuże' D'Amato, Dan ġie mogħti l-inkarigu sabiex jagħmel id-disinji u l-ippjanar għall-bini ta' knisja ġdida. Is-suġġeriment tiegħu kien li din il-knisja għandha tinbena f'għamla ottagonali bil-koppla tagħha isserraħ fuq tmien kolonni ċentrali u sittax-il nofs kolonna oħra fiċ-ċirkonferenza tagħha.

Wara ħafna xogħol ta' kunsultazzjoni bejn il-perit u l-kunsill parrokkjali tax-Xewkija, f'lejlet il-Milied tas-sena 1951, ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-awtoritajiet ċivili, sabiex tinbena knisja ġdida. Il-pjanta tal-knisja ġġib il-firma tal-perit Joseph Refalo.

Ix-xogħol ta' l-immarkar u it-taħfir tal-pedamenti għall-knisja ġdida beda nhar id-19 ta' Novembru l951. Il-pedamenti tqiegħdu madwar il-knisja l-antika.

Il-benneja inkarigati mix-xoghol tal-bini, kienu Ġużepp Cauchi, Toni u Ġużepp Vella ilkoll mix-Xewkija.

Il-perit D'Amato kien isegwi bir-reqqa il-parti kbira tax-xogħlijiet, għalkemm aktar tard dan ix-xoghol waqa f'idejn il-Perit Joseph Mizzi, li t-tnejn li huma kienu assistiti mill-kumpajżan, il-Baruni Lorenzo Żammit Haber. Sadanittant il-knisja l-qadima baqgħet tintuża regolarment għas-servizzi reliġjużi ta' kuljum. Il-knisja l-qadima twaqqgħet fis-sena 1972.

Il-jum tant mistenni mill-parruċċani kollha Xewkin, kellu jkun l-4 ta' Mejju, 1952. Ix-Xewkija kienet festa waħda. Ħafna nies, zgħazagħ fuq il-muturi, oħrajn rekbin iż-żwiemel, akkompanjaw lill-isqof Pace fil-karozza tiegħu, mill-palazz tiegħu ir-Rabat, sar-raħal tax-Xewkija.

Kif waslu fi Triq l-Imġarr, sewwa sew ħdejn il-mitħna, sabu tista' tgħid lill-parrucċċni kollha fit-toroq tax-Xewkija sabiex jagħtu merħba lill-isqof.

Wara, il-karozza tal-isqof , inġibdet bil-ħbula mill-parruċċani, li kienu mmexxijin min-nies rekbin fuq iż-żwiemel lejn il-post fil-pjazza tar-raħal fejn kellha ssir iċ-ċerimonja tat-tqegħid u tberik tal-ewwel ġebla, li kienet tiżen tunnellata.

It-triq li tagħti għall-pjazza tar-raħal kienet miżgħuda bin-nies li ġew minn Għawdex kollu biex jifirħu għad-daqq ta' marċi mill-baned fost il-briju u l-allegrija ta' dawk kollha preżenti.

Iċ-ċerimonja li tmexxiet mill-isqof bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kaptan Grezzju Vella u żewġt aħwa mill-familja ta' Magro kienu l-parrini ta' din iċ-ċerimonja, filwaqt li x-xhieda kienu l-Kummissarju għal Għawdex, Edgar Montanaro u s-Supretendent tal-Isptar t'Għawdex, it-Tabib Anton Tabone, il-Baruni Lorenzo Żammit Haber, is-sid tal-fabbrika 'Pax Flour Mills'is-Sur Karlu Galea u l-Perit Ġuże' D'Amato.

Wara iċ-ċerimonja tat-tberik, l-isqof t' Għawdex, poġġa fl-ewwel ġebla xi muniti tal-fidda kif ukoll tad-deheb, flimkien ma' medalji tal-qaddisin. Fl-aħħar poġġa wkoll tubu tal-ħġieġ li fih dokumenti li





jfakkru din id-data storika. Dritt wara l-isqof bierek il-pavimnet kollu tal-knisja l-ġdida u għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni.

Ta' min isemmi li meta l-bini tal-knisja kien għadu fil-bidu tiegħu fl-1955, il-Kardinal Federico Tedeschini, isqof ta' Frascati, u arċipriet tal-Bażilka tal-Vatikan waqt li kien qed jagħmel żjara f'Għawdex, ma naqasx li jżur dan it-tempju. Imbagħad fid-9 tal-Lulju l969, il-prinċep Charles flimkien ma' oħtu l-prinċipessa Anne, żaru wkoll ir-Rotunda waqt li x-xogħol tal-bini kien għadu miexi.

Mal-bini tal-kampnar maestuż, il-poplu Xewki żied il-ħeġġa tiegħu sabiex jarah imżanżan b'sett ta' tmien qniepen. Il-parroċċa iddeċidiet, li filwaqt li tirrestawra erbat iqniepen mis-sett il-qadim li diġa' kienu jintużaw, tordna tlieta oħra ġodda sabiex jikkumplimentaw mas-sett diġa' eżistenti. Infatti dawn il-qniepen il-ġodda waslu Għawdex nhar is-7 ta' Ġunju 2006 mill-Ingilterra fejn inħadmu mid-ditta "Taylor Bellsfounder Ltd." Dawn ingħatawlhom l-ismijiet ta' Giovanna, Eliżabetta u Maria Addolorata. Il-qniepen il-ġodda tbierku f'funzjoni liturġika ċċelebrata fil-misraħ ewlieni ta' quddiem ir-Rotunda u mmexxija mill-isqof t'Għawdex, Monsinjur Mario Grech nhar l-10 ta' Ġunju 2006.

Id-daqq tas-sett tal-qniepen kompla xegħel iż-żelu tal-poplu Xewki li jara l-ħolma tiegħu u tal-antenati tiegħu ssir realta' li jġib fi tmiemu l-bini tar-Rotunda. Il-ħarsa tiegħu dawwarha lejn l-istruttura baxxa li tinsab bejn il-frontispizju u l-koppla ewlenija. Din l-istruttura kienet il-pedament ta' koppla iżgħar li kienet inbniet mal-bini tar-Rotunda li ġie fi tmiemu fl-1976 fi żmien il-parrokat tal-arċipriet Dun Ġużepp Grech. Ix-xogħol tal-bini ta' din il-koppla ż-żgħira ġie fdat f'idejn Raymond Vella, iben il-bennej tar-Rotunda, Ġużeppi Vella mix-Xewkija. Il-bini tal-koppla ż-żgħira ġie fi tmiemu f'Marzu tas-sena 2007 b'ċelebrazzjonijiet organizzati li laħqu l-qofol tagħhom kważi sena wara l-miġja tal-qniepen, fid-9 ta' Ġunju 2007 meta tpoġġa s-salib fuq il-koppla wara li tbierek mill-isqof t'Għawdex, Monsinjur Mario Grech.

Dawn il-proġetti komplew iqarrbu t-tkomplija strutturali tar-Rotunda. Għad baqa' numru ta' proġetti ta' bini x'jitwettqu fir-Rotunda. Ċertament li l-poplu Xewki jkompli jistinka sabiex bħalma wera' ir-rieda soda tiegħu li jkompli jwettaq il-ħolma u l-viżjoni tal-antenati tiegħu kif ħażżiżihom il-perit Ġuże' D'Amato, hekk ukoll ikompli fl-istess direzzjoni sabiex iġib fi tmiem il-kumpless tar-Rotunda bil-bini tal-kampnar tal-lemin.

Photocaptions

1. Il-knisja parrokkjali l-qadima.
2. Skizz ta' żewġ pjanti li jagħtu l-impressjoni u paraguni tal-knisja Rotunda proposta ma' dik il-qadima eżistenti.
3. Il-wasla tal-Ewwel Ġebla fuq is-sit ta' fejn kellha titpoġġa.
4. Dehra ġenerali tal-wasla tal-isqof Ġużeppi Pace minn Triq it-Tiġrija lejn il-misraħ ewlieni għaċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-Ewwel Ġebla.
5. L-isqof Pace imexxi r-rit tat-tberik tal-Ewwel Ġebla.
6. Il-perit Ġuże' D'Amato jagħti l-firma tiegħu fuq l-iskroll li wara tpoġġa f'tubu fl-Ewwel Ġebla.
7. L-isqof Pace jagħti d-daqqiet simboliċi bil-pall bħala sinjal li l-Ewwel Ġebla tpoġġiet f'postha.
8. Dehra interna tar-Rotunda msaqqfa bil-fdalijiet tal-knisja l-qadima mġarrfin.
9. Fażi waqt il-bini tal-mużew tal-iskultura.

